MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2013

Numru 28/2007

**Att ta' Akkuza**
**Nru. 28/2007**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Jean Pierre Abdilla**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-Att ta’ Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fil-25 ta’ Ġunju 2007 kontra l-imsemmi Jean Pierre Abdilla li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkużah talli (1) assoċja ma’ xi persuna jew persuni oħra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jitraffika mediċina f’Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni, u b’dan li bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi; (2) forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew ghal xi persuna, f’dawn il-Gżejjer jew x’imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, kontra l-liġi, u b’dan li bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi; (3) kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina kontra l-liġi, b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv tiegħu, u b’dan ukoll li bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi; (4) b’diversi atti, fi żminijiet differenti u magħmula b’riżoluzzjoni waħda, ittanta li jħajjar lill-uffiċjal jew impjegat pubbliku biex jagħmel id-delitt ta’ korruzzjoni, iżda l-uffiċjal jew impjegat pubbliku m’għamilx id-delitt, u b’dan li bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi; (5) mingħajr l-awtorità tad-Direttur tad-Direttorat għall-Ħarsien ta’ l-Ambjent fi ħdan l-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, mogħtija bir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis, biegħ, offra għall-bejgħ, partat jew xort’oħra ddispona minn xi għasafar li huma protetti taħt ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta’ l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, fosthom għasafar inklużi fl-Iskeda VII ta’ dawn ir-Regolamenti, u b’dan li bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi; (6) kellu fil-pussess tiegħu għasafar, ħajjin jew mejtin fosthom għasafar inklużi fl-Iskeda VII ta’

dawn ir-Regolamenti), li ma kinux għasafar inklużi fl-Iskedi I, II, III li jinsabu mar-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ u li ma ġewx importati b'mod leġittimu u ma kinux imrobbija fil-maqful u ma kinux reġistrati mad-Direttur tad-Direttorat għall-Ħarsien ta' l-Ambjent fi ħdan l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u b'dan li bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi; (7) ġera wara, qabad jew ipprova jaqbad, qatel jew ipprova joqtol, kellu fil-pussess tiegħu, biegħ bi kwalunkwe mod, xtara, partat, importa jew esporta xi speċi, jew parti jew derivativi ta' dawk l-ispeċi, li jidhru fl-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Rettili, u b'dan li bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi; (8) kontra l-liġi, ġera wara, ħa jew ipprova jieħu, qatel jew ipprova joqtol, ippossjeda, ittrasporta, b'kull mod biegħ, xtara, partat, offra għall-bejgħ jew għat-tpartit, importa jew esporta xi eżemplari ta' speċi, elenkati fl-Iskeda V tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Abitati Naturali, u b'dan li bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-3 ta' Diċembru 2009 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih, b'seba' (7) voti favur u b' żewġ ( 2) kontra sabu lill-akkużat Jean Pierre Abdilla ħati tal-Ewwel, tat-Tieni u tat-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża w b'seba' (7) voti favur u b'żewġ (2) voti kontra sabuh ħati tar-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuża iżda b'dan li r-reat ma kienx wiehed kontinwat u li bih unanimament sabu lill-akkużat ħati tal-Ħames, tas-Sitt, tas-Seba' u tat-Tmin Kap tal-Att tal-Akkuża, iddikjarat lill-imsemmi Jean Pierre Abdilla:

1. ħati talli lejn l-aħħar tax-xahar ta' Frar tas-sena 2005, kif ukoll fil-ġimgħat ta' qabel, assoċja ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew

jitraffika mediċina f'Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni; b'dan li bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, u dana skond l- Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża;

2. ħati talli, fl-1 ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa (2005), jew f'xi ġurnata viċin ta' dik id-data, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellu liċenzja mill-
Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorità apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew awtoriżżazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifatura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan li bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, u dan skond it-Tieni kap tal-Att ta' l-Akkuża;

3. ħati talli fl-1 ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u fil-ċranet ta' qabel, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-

Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad- Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu ghall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklużiv tiegħu; u b'dan ukoll li bhala uffiċjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att ta' l-Akkuża;

4. ħati talli f'xi żmien fil-bidu tas-sena 2005, jew fil-ġimgħat ta' qabel, ittanta li jħajjar lill-uffiċjal jew impjegat pubbliku biex jagħmel id-delitt ta' korruzzjoni, iżda l-uffiċjal jew impjegat pubbliku m'għamilx id-delitt; b'dan li bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, iżda b'dan li r-reat ma kienx wieħed kontinwat u dana skond ir-Raba' Kap tal-Att ta' l-Akkuża;

5. ħati talli fit-tlieta ta' Mejju tas-sena 2005, jew f'xi żmien qabel mingħajr l- awtorità tad-Direttur tad-Direttorat għall-Ħarsien ta' l-Ambjent fi ħdan l- Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, mogħtija bir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis, biegħ, offra għall-bejgħ, partat jew xort'oħra iddispona minn xi għasafar li huma protetti taħt ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, fosthom għasafar inklużi fl-Iskeda VII ta' dawn ir-Regolamenti; b'dan li bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, u dana skond il-Ħames Kap tal-Att ta' l-Akkuża;

6. ħati talli fit-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), kif ukoll fil-ġranet u l- ġimgħat ta' qabel, kellu fil-pussess tiegħu għasafar, ħajjin jew mejtin (fosthom għasafar inklużi fl-Iskeda VII tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ) li ma kinux għasafar inklużi fl-Iskedi I, II, III li jinsabu mar-

Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ u li ma ġewx importati b'mod leġittimu u ma kinux imrobbija fil-maqful u ma kinux reġistrati mad-Direttur tad-Direttorat għall-Ħarsien ta' l-Ambjent fi ħdan l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; b'dan li bhala uffiċjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, u dana skond is-Sitt Kap tal-Att ta' l-Akkuża;

7. ħati talli fit-3 ta' Mejju tas-sena 2005, kif ukoll fil-ġranet u l-ġimgħat ta' qabel, ġera wara, qabad jew ipprova jaqbad, qatel jew ipprova joqtol, kellu fil-pussess tiegħu, biegħ bi kwalunkwe mod, xtara, partat, importa jew esporta xi speċi, jew parti jew derivativi ta' dawk l-ispeċi, li jidhru fl-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Rettili; b'dan li bhala uffiċjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, u dana skond is-Seba' Kap tal-Att ta' l-Akkuża;

8. ħati talli fit-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), kif ukoll fil-ġanet u l- ġimgħat ta' qabel, kontra l-liġi, ġera wara, ħa jew ipprova jieħu, qatel jew ipprova joqtol, ipposjeda, ttrasporta, b'kull mod biegħ, xtara, partat, offra għall-bejgħ jew għat-tpartit, importa jew esporta xi eżemplari ta' speċi, elenkati fl-Iskeda V tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna w Abitati Naturali; b'dan li bhala uffiċjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, u dana skond it-Tmien Kap tal-Att ta' l-Akkuża;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regoli 4(a) u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 120(2)(1), 115(b), 17, 23, 31, 141 u 533 tal-Kodiċi Kriminali u r-Regolamenti 12(1)(4) u 25 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ (Avviż

Legali 146 ta’ l-1993) ir-regolamenti 5(2) u 9(1)(2) tar-Regolamenti ta’ l-1992 dwar il-Harsien ta’ Rettili (Avviz Legali 76 ta’ l-1992) u r-regolamenti 19(1)(a) u 39 tar-Regolamenti ta’ l-2003 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna w Abitati Naturali (Avviż Legali 257 ta’ l-2003), ikkundannat lill-ħati **Jean Pierre Abdilla** għall-piena komplessiva ta’ sittax (16) il-sena priġunerija fuq l-Ewwel Erba’ Kapi tal-Att tal-Akkuża u erbgħin elf Euro (€40,000) biss għall-ewwel tliet Kapi tal-Att tal-Akkuża, b’dana pero` li qed jingħad espressament li qed tingħata piena għar-reat wieħed biss u cioe` għat-Tieni Kap ta’ traffikar stante l-assorbiment taż-żewġ kapi l-oħra skond l-artikolu 17(h) f’dan il-Kap u bil-konkors tal-pieni skond l-artikolu 17(b) bejn it-Tieni u r-Raba’ Kap kif ukoll tikkundannah għall-multa komplessiva bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(f) tal-Kap. 9 ta’ sitt mitt Euro (€600) għar-reati taħt il-Ħames, is-Sitt u s-Seba’ u t-Tmin Kapi tal-Att tal-Akkuża bl-assorbiment tal-piena tas-Seba’ Kap fit-Tmin Kap minħabba l-konkors formali jew idejali li jeżisti bejniethom. F’każ li dawn il-multi ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti fi tmintax-il (18) xahar oħra priġunerija skond il-liġi. Inoltre kkundannatu jħallas is-somma ta’ mija u tmienja u erbgħin Euros u tmienja u tletin ċenteżmi (€148.38) rappreżentanti l-ispejjeż totali tal-perizji inkorsi f’dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli w immobbli oħra tal-ħati. Ordnat anke li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f’terminu ta’ priġunerija skond il-liġi. Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b’nota – li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata – li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, ordnat li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x’jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-ispiżjar Godwin Sammut u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta’ dik il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta’ tali distruzzjoni u jġibu a konjizzjoni ta’ dik il-Qorti b’nota

appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati;

**4.** Rat illi l-ewwel Qorti waslet għal din id-deċiżjoni wara li rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti, u eżaminata mid-difiża, u wara li kkunsidrat is-segwenti:

**"Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni u d-difiza qablu illi r-reati taht l-Ewwel u t-tielet Kap huma assorbiti fir-reat ta' traffikar taht it-Tieni Kap ghall-fini tal-piena billi servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat taht it-Tieni Kap skond l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali kif ukoll li bejn ir-reati taht is-Seba' w t-Tmin Kapi hemm il-konkors formali jew idejali billi l-istess fatti taw lok ghall-ksur tal-ligi taht zewg regolamenti differenti.**

**"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Anglu Farrugia, li jinsabu kollha registrati w cioe`:-**

**"1. il-Qorti qatt ma kellha quddiemha l-kilo jew in-nofs kilo eroina li ssemma waqt il-guri;**
**"2. li l-hati kellu kondotta nettissima;**
**"3. li l-verdett fuq l-ewwel erba' kapi kien ta' seba' voti kontra tnejn u fil-kaz tar-raba' kap it-tentar ghall-korruzzjoni kien sar b'mod generali w f'okkazzjoni ta' darba biss;**
**"4. illi l-hati huwa missier ta' familja b'zewgt itfal;**
**"5 illi kien irrizenja mill-Korp tal-Pulizija fil-bidu tal-investigazzjoni kontra tieghu mhux bhal ma ghamel ix-xhud principali;**
**"6. illi l-hati ma kellu ebda kontroll fuq l-incident li nqala' waqt il-guri u li f'kull kaz il-Qorti kienet mal-ewwel hadet il-passi mehtiega dwar dak l-incident;**
**"7. illi anki l-persuna tax-xhud principali kien gie misjub hati dwar reati relatati mad-droga f'kaz separat u jidher li nghata privileggi meta gawda mill-beneficcju tal-artikolu 29 minn Qorti ohra meta mhux suppost sar hekk.**

**“Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Nadine Sant, li jinsabu kollha registrati w cioe`:-**

**“1. illi apparti s-sejbien ta’ htija b’verdett unanimu dwar l-ahhar erba’ kapi, l- verdett ta’ seba’ kontra tnejn ghall-ewwel erba’ kapi kien jirrifletti l-konvinzjoni tal-gurija dwar il-htija tar-reati dedotti;**
**“2. illi kuntrarjament ghal dak li kien qed jissottometti l-abbli difensur, l-akkuza ma kinitx tirrrigwarda biss in-nofs gramma eroina li ghaddiet bhala “*sample*” imma kwantita` ta’ kilo eroina li kienet se ggib prezz ta’ madwar €60,000 (LM25,000);**
**“3. illi l-assocjazzjoni tal-hati ma saritx biss max-xhud Agius imma anki ma terzi injoti li ghadhom ma gewx identifikati w processati sal-lum u li kienu ghad jistghu jittraffikaw din id-droga bir-rizultat li jkun hemm elf vittma;**
**“4. illi li kieku ma kienx ghall-ko-operazzjoni tax-xhud principali qatt ma kienu johorgu l-fatti veri dwar dan il-kaz u dan ix-xhud kien gie intimidat waqt il-kawza fl-aktar stadju vulnerabbli tieghu qabel ma ta x-xhieda tieghu biex ma jghidx kollox;**
**“5. illi ma kienx dan ix-xhud biss li hassu intimidat mill-atteggjament tal-akkuzat ghax diversi membri tal-Korp mill-Assistent Kummissarju Harrison l-isfel – li wkoll ghandhom familja – hassew ruhhom intimidati f’xi zmien jew iehor mill-akkuzat;**
**“6. li dan kollu gie kommess minn Pulizija li abbuza mill-gurament tal-hatra li kien ha w gab lill-Korp kollu tal-Pulizija “*in disrepute*” u l-gustizzja trid issir ukoll mal-Pulizija f’dan il-kaz;**
**“7. ghalhekk il-piena ghandha tkun fil-massimu taghha.**

**“Qieset ukoll illi r-reati taht l-Ewwel u t-Tielet Kapi f’dan il-kaz partikolari, servew bhala mezz biex sar ir-reat kontemplat fit-Tieni Kap u ghalhekk skond l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ghandha tinghata l-piena biss ghar-reat taht it-Tieni Kap.**

**“Qieset li l-piena ghar-reat ta’ traffikar tad-droga eroina, meta l-kaz jigi deciz minn din il-Qorti hija ta’**

**prigunerija ghall-ghomor u l-multa relattiva ta' mhux inqas minn €2329.37 izda mhux izjed minn € 116,468.67, izda meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, kif ukoll meta l-Qorti tkun tal-fehma li l-kwantita` tal-medicina involuta fir-reat u c-cirkostanzi kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghal dik ta' ghomor ma tkunx dik xierqa, l-persuna misjuba hatja tkun suggetta ghall-piena ta' prigunerija ghall-zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn Euro 2,329.37 izda mhux izjed minn Euro 116,468.67.**

**"Qieset ukoll li l-piena taht ir-Raba' Kap hija dik minn sitt xhur sa tliet snin prigunerija.**

**"Qieset ukoll li fil-kaz ta' l-ahhar erba' kapi ta' l-Att tal-Akkuza l-piena hija wahda pekunjarja illi tvarja minn wahda ta' multa ta' mhux inqas minn €116.47 izda mhux aktar minn €1164.69 fil-kaz tal-Hames u s-Sitt Kapi ghall-multa ta' mhux inqas minn €465.87 ghal kull ezemplari izda mhux izjed minn €2329.37 ghat-Tmin Kap li kif intqal qieghed f'konkors formali w idejali mar-reat taht is-Seba' Kap.**

**"Qieset ukoll li skond l-artikolu 141 kull Ufficjal jew impjegat pubbliku li jsir hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jehel il-piena stabilita ghal dak ir-reat mizjuda bi grad.**

**"Illi ghalkemm fil-parti narrattiva tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza tissemma l-konsenja tad-droga eroina fl-ammont ta' 0.59 grammi, dan il-Kap jibda biex jirreferi ghac-cirkostanzi msemmija fl-Ewwel Kap fejn, fil-parti narrattiva, jinghad illi l-hati kien ikkomunika ma' certu Jean Claude Agius u qallu li kien lest li jbieghlu kilo eroina bil-prezz ta' LM25 il-gramma w li huma ftehmu li qabel ma jikkonkludu din l-operazzjoni kellhom jiltaqghu sabiex l-akkuzat iforni lil Agius b'*'sample'* tad-droga msemmija li kellha tigi ezaminata sabiex jigi verifikat jekk kinitx effettivament tiswa l-ammont li kien qed jitlob il-hati.**

**"Ghalhekk id-droga in materia li taghha l-gurati sabet htija taht l-Ewwel Kap ma kinitx biss 0.59 grammi eroina imma l-ammont kollu li kien ser jigi traffikat kieku l-ftehim sehh bil-kondizzjonijiet li nsistew fuqhom il-bejjiegha, liema kondizzjonijiet ma gewx accettati mill-ufficjali tal-Pulizija li kienu qed jikkontrollaw l-operazzjoni.**

**"Ghalhekk mhix korretta s-sottomissjoni tad-difiza li ghaliex il-korp il-kbir tad-droga qatt ma nstab u ma giex esebit fil-kawza ma saritx assocjazzjoni ghat-traffikar tieghu w din il-Qorti trid bil-fors tikkalibra l-piena in relazzjoni mal-volum tad-droga li kien qed jigi ppjanat li kien ser jigi traffikat."**

**5.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Jean Pierre Abdilla ppreżentat fil-21 ta' Diċembru 2009 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-ħtija fil-konfront tiegħu għar-Raba' Kap, il-Ħames Kap, is-Sitt Kap, is-Seba' Kap u t-Tmin Kap ta' l-Att ta' Akkuża, tilliberah mill-Ewwel Kap, mit-Tieni Kap u mit-Tielet Kap ta' l-istess Att ta' Akkuża, u per konsegwenza tapplika piena ta' ħabs sospiż u fin-nuqqas tapplika piena anqas oneruża; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** Minn eżami tar-rikors ta' appell huwa evidenti illi l-aggravju prinċipali ta' l-appellant huwa dwar l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti tal-provi. Huwa jgħid testwalment hekk:

"1. Illi jidher ċar li hemm konflitt serju bejn l-unika prova li kien hemm min-naħa tal-prosekuzzjoni u allura x-xiehda ta' Jean Claude Agius li kellu interess li jgħid li huwa ġie mgħoddi lilu circa nofs gramma eroina li suppost kienet ġol-karta li skond l-appellant ma kienet xejn ħlief karta li fuqha kien hemm it-telefon ta' Gohar u dan peress li l-istess Agius ftit tax-xhur qabel ma ġie appuntat dan il-ġuri ngħata tnaqqis mill-piena dwar traffikar wara li ġie applikat favur tiegħu l-artikolu 29 tal-Kap. 101 meta legalment ma setax jingħata lilu dwar dan il-każ fil-konfront tal-każ

speċifiku tiegħu, u meta l-ġurati kellhom il-prova min-naħa tad-difiża, l-istess appellant li ta x-xiehda tiegħu dwar il-laqgħat li kellu ma’ Jean Claude Agius dwar materja konnessa ma’ immigrazzjoni u l-ismijiet ma’ min kien qed jiddealja kienu ismijiet li jeżistu kif rintraċċati wkoll mill-istess pulizija li huma Mamdouh El Shourgaby u Mohammed Ibrahim Gohar li l-istess uffiċjal tal-Pulizija Neil Harrison jikkonferma li dawn iż-żewġ persuni huma nvoluti fil-klandestini;

“2. Illi mill-istess profil dwar in-numru tal-mobile 79467707 u 79269475, iż-żewġ numri li kienu jintużaw mill-istess appellant, jindika b’mod ċar il-kuntatti ma’ dawn iż-żewġ persuni u l-persuna ta’ Josephine Tonna immigration officer li jokkorroboraw dak li dejjem qalet id-difiża u kif issostanzjat bl-istess xiehda ta’ l-appellant fil-mori ta’ dan il-ġuri, u li għalhekk il-ġurati kellhom jagħtu piż għal dak li ppreżentat id-difiża bl-istess fatti dokumentarji li ġew preżentati mill-istess prosekuzzjoni bħal call profiles u l-istess stqarrijiet ta’ l-appellant meta dejjem innega ‘Li jiena qatt ma avviċinajt lil ħadd u qatt m’għamilt dawn l-affarijiet u qatt ma kelli droga u ma tajt droga lil ħadd’ u ‘Jiena la qatt ħadt droga u lanqas tajt id-droga lil xi ħadd’, u li l-appellant jikkorrobora dak li qalet ix-xhud Josephine Tonna meta huwa u hi kienu jaħdmu fid-dipartiment ta’ l-immigrazzjoni fl-ajruport dwar passiġġieri li jkunu ġejjin mill-Marokk biex ikunu jistgħu jidħlu Malta, meta l-istess Josephine Tonna xehdet, ‘qalli inhix lesta li naqla’ lira żejda u qalli darba ... qalli biex ngħaddi passiġġieri mill-Marokk ... għidt aħjar nevita nkwiet’, liema verżjoni tikkorrobora dak li dejjem sostanzjat id-difiża, li bejn l-appellant u Jean Claude Agius sar biss diskors dwar immigrazzjoni;

“3. Illi jirriżulta wkoll li għand l-appellant qatt ma nstabet droga u ċertament lanqas indikazzjoni ma hemm dwar dak li beda jgħid Jean Claude Agius dwar l-allegazzjoni ta’ fornitura ta’ kilo eroina, li anke b’mod remot setgħet twassal biex wieħed ikun jista’ jemmen li kien hemm dak li jgħid Jean Claue Agius, iktar u iktar meta matul din l-operazzjoni kollha kontrollata mill-Pulizija waqt il-kontro-eżami, l-Assistent Kummissarju Harrison jgħid illi l-ebda

waħda mit-telefonati li għamel Jean Claude Agius lill-appellant ma saret fil-preżenza tal-pulizija u l-ebda waħda mit-telefonati jew diskursati fuq it-telefon jew mobile bejn l-istess appellant Jean Claude Agius, Mamdouh El Shourgaby u Mohammed Ibrahim Gohar ma ġew rekordjati u ma saret l-ebda proċedura biex isir dan u aktar meta l-istess Assistent Kummissarju jikkonferma li l-mobile tax-xhud ewlieni Jean Claude Agius ma ġiex ikkontrollat u ma għamel l-ebda call profile tat-telefonati tiegħu. U allura l-ġurati fil-mankanza ta' dan kollu kellhom dubju serju li kellu jmur favur l-appellant u mhux joqogħdu fuq dak li xehed biss Jean Claude Agius fid-dawl ta' dan kollu;

"4. Illi anke fil-laqgħa ta' l-1 ta' Marzu 2005 bejn Jean Claude Agius u l-appellant jirriżulta li l-Pulizija ħallew b'mod liberu u ħieles lix-xhud Jean Claude Agius għal spazju ta' ħin konsiderevoli mhux kontrollat minn Ħal-Luqa għal Santa Luċija fejn imbagħad reġa' ltaqa' ma' membri tal-Korp biex jgħaddilhom il-karta li suppost skond hu għaddielu l-appellant bid-droga u meta mill-filmat jidher li telaq b'karozza skura sewwidija u li skond ix-xiehda ta' P.S. 536 Jason Caruana kienet ħamra u li kif stqarr a fol. 113 il-pakkett kien imgeżwer f'karta b'kulurha tad-deheb li dan allura faċilment ifisser li l-karta li għaddielu Jean Pierre Abdilla l-appellant ġiet mibdula fil-perijodu li Jean Claude Agius telaq minn Ħal-Luqa għal Santa Luċija waħdu mhux sorveljat biex iforni hu b'dak li ried jagħti hu lill-Pulizija biex jilħaq l-għan tiegħu kif effettivament laħqu sew bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Frar 2009.

"5. Illi l-ġurati kienu wkoll iffaċċjati minn prova oħra li seħħet matul konfront bejn l-appellant u P.S. 536 Jason Caruana meta l-istess 536 jikkonferma li meta kien arrestat l-appellant dan kien qallu li fil-karta li għadda fl-1 ta' Marzu 2005 lil Jean Claude Agius kien hemm numru tat-telefon u li anke dan il-fatt importanti jissostanzja x-xiehda ta' l-appellant u l-aggravji ġa` indikati u joħloq dubju serju dwar il-kredibilita` ta' Jean Claude Agius li kellu interess qawwi biex jibqa' sod fuq din l-istorja li ma kienet fl-ebda mument ikkontrollata bl-ebda mod mill-istess investigaturi tal-pulizija;

"6. Illi l-ġurati kif spjegat lilhom mid-difiża, il-filmat li ttieħed waqt il-laqgħa ta' l-1 ta' Marzu 2005 bejn l-appellant u Jean Claude Agius kien hemm partijiet minnu neqsin u għalhekk ma kienx hemm x'kien qed jagħmel eżatt l-appellant meta effettivament mar fejn il-karozza tiegħu u ma ngħatat qatt spjegazzjoni għalfejn f'din l-okkażjoni kien hemm dan il-ħin nieqes;

**7.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-ġurati, ben indirizzati, setgħux legalment u raġjonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha[1]. In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konklużjonijiet tagħha huma dawn li ġejjin:

(i) M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt ġew posti għall-konsiderazzjoni tal-ġurati li kienu liberi l-ħin kollu, u ġew diretti f'dan is-sens mill-Imħallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi <u>kollha</u> miġjuba.

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

(ii) Fil-każ odjern hemm konflitt bejn il-verżjoni tax-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni, Jean Claude Agius, u l-appellant. Iżda dan ma jfissirx illi l-ġurati kienu preklużi milli jaċċettaw verżjoni jew oħra. Wara kollox, ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija biżżejjed biex tikkostitwixxi prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar[2]. Għalhekk, mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata, u l-ġurati għandhom jevalwaw il-provi – bħalma ġew diretti biex jagħmlu fil-każ odjern – skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u jaslu għall-konklużjoni dwar lil min iridu jemmnu u f'hiex ser jemmnu jew ma jemmnux.

(iii) Irid jiġi sottolineat li l-ġurati kellhom il-vantaġġ li jaraw u jisimgħu x-xhieda kollha. B'hekk, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li nġab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża, u wara li ġew ben indirizzati mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, waslu għall-konklużjoni li kellhom jemmnu l-verżjoni ta' Jean Claude Agius u ma jemmnux lill-appellant.

(iv) Issa, huwa minnu illi Jean Claude Agius, fi proċeduri kontra tiegħu, kien ibbenefika minn tnaqqis fil-piena bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan waħdu ma jagħmlux xhud mhux kredibbli. Naturalment, kif din il-Qorti kellha diġa` okkażjoni tosserva, "f'ċirkostanzi bħal dawn, għandu jkun hemm miżura ta' *caution* fis-sens li min għandu jiġġudika fuq il-fatti għandu joqgħod ferm attent dwar il-volontarjeta` tal-

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

istqarrija u l-veraċita` tal-kontenut tagħha”[3]. Fil-każ in eżami l-ġurati setgħu qiesu lil Jean Claude Agius kredibbli għal diversi raġunijiet, kif ser jiġi spjegat:

(v) Jean Claude Agius baqa’ konsistenti fil-verżjoni tiegħu dwar l-involviment ta’ l-appellant fit-traffikar tad-droga – meta nforma lis-Supretendent Neil Harrison, meta xehed quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, meta xehed fl-Istruttorja u meta xehed waqt il-ġuri.

(vi) Jirriżulta illi meta Jean Claude Agius xehed fil-ġuri ma kellux aktar każijiet pendenti li setgħu jissarrfu f’piena anqas.

(vii) Meta Jean Claude Agius tkellem mas-Supretendent Harrison, ma jirriżultax li għamel hekk għax ħaseb li kien se jibbenefika b’xi mod fil-każ li dak iż-żmien kellu pendenti. Difatti l-artikolu 29 tal-Kap. 101 jipprovdi li persuna tibbenefika minn tnaqqis fil-piena jekk tkun għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni <u>li jkunu pprovdewlha</u> l-mediċina perikoluża jew il-persuna misjuba ħatja tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk għenet lill-Pulizija. Mhuwiex kontestat li fl-atti tal-proċeduri li ttieħdu kontra Jean Claude Agius, kienet saret dikjarazzjoni mill-Pulizija li kellu jibbenefika mill-artikolu 29 imsemmi. Mix-xiehda tiegħu waqt il-ġuri jirriżulta li ma kienx l-appellant li kien ipprovdielu d-droga li waslet għall-proċeduri li kienu ttieħdu kontra tiegħu, u għalhekk l-artikolu 29 kien, semmai, applikabbli fir-rigward ta’ ħaddieħor.

(viii) Il-ġurati evidentement b’hekk ma qisux verosimili il-kontensjoni tad-difiża li Jean Claude Agius kien ħoloq din l-istorja biex jibbenefika minn xi tnaqqis fil-piena, u qiesu li l-verita` kienet tinsab fil-fatt li Agius kien ħareġ mid-dinja tad-droga. Ara, per eżempju, dan il-bran waqt il-kontro-eżami:

[3] Appell Kriminali **Ir-Repubbklika ta’ Malta v. Jose Edgar Pena**, 5 ta’ Diċembru 2012.

“Qorti: Jiġifieri inti dehrlek li għax avviċinak xi ħadd kellek tmur tavża lill-pulizija, hux hekk ġejt? U għidtilhom l-istorja li qed tgħid hawn.

“Xhud: Mela.”

(ix) L-appellant ikkontenda illi dak illi huwa għadda lil Jean Claude Agius meta ltaqa’ miegħu ħdejn il-klabb tal-boċċi ma kien xejn għajr biċċa karta tas-sigaretti kulur id-deheb li ġabar mill-art u li fuqha kiteb in-numru tal-*mobile* ta’ ċertu Shour Ghabi. Il-ġurati ma setgħux ma nnutawx il-mod naturali kif esprima ruħu Jean Claude Agius meta mistoqsi fuq dan il-punt mid-difiża:

“Difiza: Ara ngħidlekx fil-fatt illi lilhom mhux dak illi tak l-akkużat tajthom,

“Xhud: Mela x’tajthom?

“Difiza: Qed nistaqsi lilek, qed tistaqsi lili? Inti taf, mhux int kont hemm?

“Xhud: Jien dak li tani tajthom, ma kellix għalfejn nagħmel vendikazzjonijiet lil ħadd.

“Difiza: Vendikazzjonijiet għala?

“Xhud: Għax hekk tgħidli, li bdiltulu? Ma tani xejn u tajthom droga lill-pulizija, mhux vendikazzjoni nkun qed nagħmel?”

(x) Kjarament il-ġurati, mill-provi kollha li kienu semgħu, ma emmnux li kien hemm xi raġuni li setgħet iġġiegħel lil Jean Claude Agius jagħmel vendikazzjoni lill-appellant.

(xi) L-appellant jammetti illi kien għadda biċċa karta tas-sigaretti kulur id-deheb lil Jean Claude Agius, iżda jgħid li fuqha kien kiteb in-numru tal-*mobile* ta’ certu Gohar, u meta għaddieha lil Agius, dan fetaħha, ra n-numru u tefa l-karta fil-but tal-ġakketta. Jirriżulta li dak li Jean Claude Agius għadda lil P.S. 536 Jason Caruana kienet biċċa karta tas-sigaretti kulur id-deheb li fiha kien hemm 0.59

gm. eroina. Id-difiża tgħid li meta Jean Claude Agius telaq mill-post ta' l-inkontru, mar biddel il-karozza u anke l-karta. Tgħid dan a bażi tal-fatt li P.S. 536 Jason Caruana kien semma fix-xiehda tiegħu fl-Istruttorja li kien jaf li Agius "kien ser ikun b'karozza Mini Metro ħamra" (effettivament kienet il-karozza ta' l-appellant li kienet ħamra) kif ukoll a bażi tal-fatt li fuq it-*tag* li jakkompanja d-dokument in kwistjoni tniżżel minn P.S. 536 il-ħin tat-3.20 p.m. Meta xehed waqt il-ġuri, P.S. 536 qal li ma jiftakarx x'kulur kienet il-karozza li kien biha Agius, għalkemm stqarr li jidhirlu li kienet ta' kulur skur. Barra minn hekk fix-xiehda tiegħu fl-Istruttorja P.S. 536 ma qalx li l-karozza li mar biha Agius kienet ħamra iżda li "kont naf li ser ikun b'karozza Mini Metro ħamra". Pero` P.S. 536 xehed ukoll waqt il-ġuri illi l-ħin li ġie għandu d-dokument mingħand Agius kien fit-3.00 p.m. filwaqt li l-ħin li hemm fuq it-*tag* huwa l-ħin li fih huwa ssiġilla dan id-dokument meta kien id-Depot. Peress illi rriżulta mill-provi li l-appellant u Jean Claude Agius, li kienu ltaqgħu ħdejn il-klabb tal-boċċi ta' Ħal-Luqa, infirdu viċin it-3.00 p.m., il-ġurati ma kellhom l-ebda dubju illi mill-post ta' l-inkontru ma' l-appellant, Jean Claude Agius kien baqa' sejjer biex jiltaqa' ma' P.S. 536 Jason Caruana u P.C. 1013 Raymond Debono fit-triq li tagħti għall-entratrura ta' wara taċ-ċimiterju ta' l-Addolorata – l-Assistent Kummissarju Neil Harrison xehed li kien hemm xi żewġ minuti bejn x'ħin P.C. 10 qallu li Agius kien telaq minn fejn il-klabb tal-boċċi u x'ħin l-oħrajn qalulu li wasal ħdejhom.

(xii) Konsegwentement il-ġurati ma setgħux lanqas iqisu verosimili illi, kif intqal mid-difiża, Jean Claude Agius biddel il-karta li kien għaddielu l-appellant. Inoltre l-ġurati żgur għamlu lilhom infushom il-mistoqsija: jekk l-appellant qal li kiteb numru ta' *mobile* fuq biċċa karta li ġabar mill-art, kif seta' jkun jaf Agius illi l-appellant se jgħaddilu proprju biċċa karta bħal dik, u allura jipprepara minn qabel qartas bl-eroina b'karta identika?

(xiii) L-appellant jgħid illi lil Jean Claude Agius kien saqsieh jekk kienx jaf xi ħadd l-Immigration li seta' jirranġa fuq permessi ta' visa, u li l-ħbieb tiegħu kienu lesti jħallsu l-flus. Skond l-appellant kien qiegħed isir negozjar dwar l-

ammont li kellu jitħallas. Jean Claude Agius, li sostna li l-appellant kien offrielu l-ewwel nofs kilo mbagħad kilo eroina, jgħid illi darba minnhom l-appellant ħadu ġo garaxx Ħal-Safi fi triq imħarbta iżda fejn mingħalih kien hemm xi djar, u r-raġuni kienet biex id-*deal* isir hemmhekk jekk ikun se jieħu l-eroina. Il-ġurati ma setgħux ma nnutawx kif l-appellant ipprova jimminimiżża l-importanza tal-garaxx billi meta rrefera għalih qal li wara li f'okkażjoni minnhom kienu ltaqgħu ħdejn il-mini ta' Ħal-Kirkop, Agius saq warajh. "Imbagħad insomma soqt viċin garaxx li għandi jien." In kontro-eżami qal li Agius ma daħalx fil-garaxx iżda ra fuq ġewwa għax hu (l-appellant) fetaħ il-garaxx għall-arja għax ma tantx jużah. Jekk l-appellant u Agius kienu qegħdin jiddiskutu l-kwistjoni tal-*visas* – kif isostni l-appellant – xi ħtieġa kien hemm illi jieħu lil Agius fejn il-garaxx tiegħu? Il-mod kif l-appellant ittratta l-kwistjoni tal-garaxx ċertament kien fattur ieħor li wassal lill-ġurati iqisu l-verżjoni ta' Jean Claude Agius bħala dik verosimili u għalhekk kredibbli.

(xiv) Minn dan kollu huwa evidenti li l-ġurati setgħu ma jemmnux iċ-ċahda ta' l-appellant u għalhekk setgħu legalment u raġjonevolment jikkonkludu illi l-appellant kien verament offra lil Jean Claude Agius li jfornilu l-eroina bħalma fornielu l-qartas kontenenti 0.59 gm minn din is-sustanza u li kellha purita` ta' madwar 45%.

**8.** Aggravju ieħor ta' l-appellant hu li fi kwalunkwe każ ma setax jinstab ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni skond l-Ewwel Kap. Huwa jgħid:

"7. Mingħajr preġudizju għal dak li diga` ngħad, anke kieku kellha titwemmen x-xiehda ta' Jean Claude Agius kif qalet tajjeb il-Qorti fl-indirizz tagħha lill-ġurati, il-ġurati ma setgħu qatt jaslu għal ħtija dwar l-Ewwel Kap u cioe` l-assoċjazzjoni ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta biex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta u dan stante li kif dejjem irriteniet din l-Onorabbli Qorti fis-sentenzi tagħha *Repubblika v Godfrey Ellul (17 ta' Marzu 2005)* u *The Republic of Malta v Steven John Lewis Marsden (2nd November 2009)* u oħrajn biex tissostanzja l-akkuża msemmija jrid ikun hemm il-ftehim ċar bejn żewġ

persuni komuni bejniethom u kkombinati u miftehma l-mezzi biex ibieghu jew jittraffikaw medicina perikoluza, u kif indikat ukoll f'sentenzi ohra Inglizi citati minn din l-Onorabbli Qorti li huma applikabbli ghall-kaz in ezami, ma seta' qatt kien hemm dan ir-reat ladarba ma kien hemm l-ebda ftehim u ma kien hemm l-ebda rizultanza ta' xi mezzi li fuqhom il-gurati setghu jaslu biex jigi pruvat dan ir-reat u aktar meta l-istess Jean Claude Agius qatt ma kein hemm ftehim ma' l-appellant stante li l-intenzjoni tal-istess Jean Claude Agius ma kinitx li jittraffika d-droga izda li jaghti l-informazzjoni lill-Pulizija biex b'hekk jibbenefika mill-kaz tieghu u allura qatt ma seta' jkun hemm dan ir-reat. Dan gie spjegat b'mod car lill-gurati u li ghalhekk m'hemmx dubju li l-gurati ma fehmu assolutament xejn minn dak li spjegalhom b'mod car l-Imhallef sedenti u ghalhekk waslu ghal htija fuq l-Ewwel Kap kontra l-appellant fuq elementi li ma gewx pruvati biex jigi sostanzjat dan ir-reat."

**9.** Il-ligi taghna tipprovdi li assocjazzjoni tezisti "malli jigu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu".[4] F'dar-rigward huwa utili li ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-2 ta' Novembru 2009 fl-ismijiet **The Republic of Malta v. Steven John Lewis Marsden**:

"**11.** In the Godfrey Ellul case[5] mentioned by appellant, this Court had referred to what is said in **Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003** in respect of conspiracy**:**

**'The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: *Mulcahy v. R*. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; *R. v. Warburton* (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; *R. v. Tibbits and Windust* [1902] 1 K.B. 77 at 89; *R. v. Meyrick and Ribuffi*, 21 Cr.App.R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit**

4 Art. 22(1A) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
5 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Ellul**, decided by this Court on the 17th March 2005.

**of the agreement: *O'Connell v. R.* (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1.** [6]

**….**

**'The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: *R. v. Parsons* (1763) 1 W.Bl. 392; *R. v. Murphy* (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a 'matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them': *R. v. Brisac* (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval i*n Mulcahy v. R.* (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317.'** [7]

**"12.** In the Godfrey Ellul case this Court had not stated that this is the position under Maltese law. However it is in agreement with what is stated therein as it is quite clear from the said quotation that evidence of a conspiracy is not necessarily or only derived by inferring it from criminal acts of the parties involved. Indeed, a conspiracy may exist even though there is no subsequent criminal activity, that is to say even though the agreement to deal in any manner in a controlled substance is not followed by some commencement of execution of the activity agreed upon[8].

---

[6] See para. 33-4, page 2690.

[7] *Op. cit.* Para. 33-11, page 2692.

[8] See also **The Republic of Malta v. Steven John Caddick et** decided by this Court on the 6th March 2003 wherein it was stated: "… although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy. Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both

In such circumstances it is obvious that no inference can be drawn from criminal acts because there are no criminal acts subsequent to the conspiracy itself. Indeed the quotation from Archbold clearly states that a conspiracy may also be proved 'in the usual way' – so by means of direct evidence and/or circumstantial evidence which must be univocal, that is to say, that cannot but be interpreted as pointing towards the existence of a conspiracy…. As one finds stated in the 2008 Edition of **Blackstone's Criminal Practice** [9]

**'There are no special evidential rules peculiar to conspiracy. In *Murphy* (1837) C C & P 297, proof of conspiracy was said to be generally 'a matter of inference deduced from certain criminal acts of the parties accused', but there is no actual need for any such acts, and conspiracies may also be proved, *inter alia*, by direct testimony, secret recordings or confessions…'.**

**"13.** This appears to be also the position in Scots law. Professor Gerald Gordon, in his standard text **The Criminal Law of Scotland** [10] makes reference to the dictum of Lord Avonside in ***Milnes and Others*** (Glasgow High Court, January 1971, unreported) to the effect that "you can have a criminal conspiracy even if nothing is done to further it", adding that, indeed, this is the very essence of conspiracy[11]."

**10.** Mela sabiex ikun hemm assoċjazzjoni a tenur ta' l-artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jrid ikun

---

with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement."

[9] OUP, p. 99, para. A6.24.
[10] W. Green & Son Ltd. (Edinburgh), 1978, p. 203.
[11] See also the judgement of this Court of the 23 October 2008 in the names **The Republic of Malta v. John Steven Lewis Marsden**.

hemm ftehim bejn tnejn min-nies jew aktar biex ibiegħu jew jittraffikaw mediċina perikoluża, u liema ftehim jisussissti fil-mument illi jiġu mifteha l-meżżi li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu. Fil-każ in eżami għalkemm kienu qegħdin isiru diskussjonijiet bejn l-appellant u Jean Claude Agius, dan Agius ma kellu l-ebda intenzjoni li jbiegħ jew jittraffika mediċina perikoluża iżda l-intenzjoni tiegħu kienet biss li jassisti lill-Pulizija. Barra minn hekk mill-provi ma jirriżultax illi kien għadu ntlaħaq xi forma ta' ftehim dwar il-meżżi sabiex tinbiegħ jew tiġi traffikata l-eroina. Huwa wkoll evidenti illi x-xejra li ħadu d-diskussjonijiet kienet sempliċement li Agius jixtri ammont ta' eroina mingħand l-appellant.

**11.** F'tali ċirkostanzi t-tieni aggravju ta' l-appellant għandu jiġi milqugħ u l-appellant iddikjarat mhux ħati ta' l-akkuża kontemplata fl-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża. Ciononostante, dan ma jbiddel xejn mill-piena. L-Ewwel Qorti fil-fatt fis-sentenza tagħha qieset illi r-reati taħt l-Ewwel u t-Tielet Kapi f'dan il-każ servew bhala meżż biex sar ir-reat kontemplat fit-Tieni Kap u għalhekk skond l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, għandha tingħata l-piena biss għar-reat taħt it-Tieni Kap.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment u għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka l-verdett u dikjarazzjoni ta' ħtija dwar ir-reat taħt l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta' dak ir-reat u minnu tilliberah, iżda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan li l-perijodu għall-ħlas tal-multi u ta' l-ispejjeż peritali kif ukoll il-perijodu sabiex l-Avukat Ġenerali jiddikjara permezz ta' nota jekk id-droga esebita hijiex meħtieġa fi proċeduri kontra terzi jibdew jiddekorru millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------